



2023/2514

15.11.2023

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/2514

tas-7 ta' Settembru 2023

li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1217/2009 fir-rigward tat-taqsimiet tal-Finlandja fin-Network ta' Informazzjoni tal-Kontabilità Agrikola tal-Unjoni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1217/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 li jstabbilixxi netwerk għall-ġbir ta' informazzjoni tal-kontabilità dwar id-dħul u l-operazzjoni kummerċjali ta' azjendi agrikoli fl-Unjoni Ewropea ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009 fih lista tat-taqsimiet tan-Network ta' Informazzjoni tal-Kontabilità Agrikola ("taqsimiet FADN") għal kull Stat Membru.
- (2) F'konformità ma' dak l-Anness, il-Finlandja tinqasam ferba' taqsimiet. Għall-finijiet tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009, il-Finlandja talbet li t-taqsimiet Pohjanmaa, Sisä-Suomi u Pohjois-Suomi jingħaqdu fit-taqsimi FADN waħda. It-taqsimi FADN attwali Etelä-Suomi tkun ma tinbidilx. Il-Finlandja ġġustifikat din it-talba bil-fatt li t-taqsimiet qatt ma nbidlu minn meta l-Finlandja ssiebet fl-Unjoni fl-1995. Sadanittant sar progress fil-bidla strutturali fil-biedja u fit-tnaqqis fl-għadd ta' azjendi agrikoli. Dan it-twaħħid jaġġusta t-taqsimiet FADN għad-definizzjoni li tixbah l-oqsma tas-sussidju applikati fil-pajjiż. B'riżultat ta' dan, l-għadd tar-reġjuni tal-FADN ikun ta' tnejn, b'għadd bejn wieħed u ieħor ugwali ta' azjendi agrikoli f'kull waħda minn dawn iż-żewġ partijiet tal-qasam tal-istħarriġ tal-FADN fil-Finlandja.
- (3) Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009 jiġi emendat skont dan.
- (4) Sabiex jingħata biżżejjed żmien biex il-ġbir tad-*data* jiġi adattat għat-taqsimi l-ġdida tal-Finlandja, jenħtieġ li l-lista aġġornata tat-taqsimiet FADN prevista f'dan ir-Regolament tibda tapplika mis-sena kontabilistika 2024,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan għandu jibda japplika mis-sena kontabilistika 2024.

⁽¹⁾ ĠU L 328, 15.12.2009, p. 27.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Settembru 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNEX

Fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009, il-lista tat-taqsimiet FADN fir-rigward tal-Finlandja hija sostitwita b'dan li ġej:

"Il-Finlandja

1. Etelä-Suomi
 2. Pohjanmaa, Sisä-Suomi u Pohjois-Suomi".
-